MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 221/2005

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi
(I. D. 666837M u 1140M)**

**vs**

**1. Emanuel u Connie konjugi Pace
(ID 55247M u 406248M)
2. Leone u Grace konjugi Ciantar
(ID 942251M u 405853M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex:
1. Tiddikjara xolt u terminat il-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti riportat fi skrittura datata 20 ta' Ottubru, 1999 stante illi skada l-perjodu ta' lokazzjoni ta' hames (5) snin stipulat fl-istess skrittura, u ghalhekk il-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond ossia hanut li jinsab f'Constitution Street, Mosta u maghruf bl-isem ta' Fone Zone u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru, 2004, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizzju huwa ta' elfejn, disa' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,920.00) fis-sena.

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-atturi ghall-hlas ta' kumpens ghall-perjodu illi fih il-konvenuti, jew min minnhom, jibqghu jokkupaw dan il-fond minghajr ebda titolu.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta' Frar, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tiddikjara xolt u terminat il-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti riportat fi skrittura datata 20 ta' Ottubru, 1999 stante illi skada l-perijodu ta' lokazzjoni ta' hames (5) snin stipulat fl-istess skrittura, u ghalhekk il-konvenuti qed jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u
tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuti jizgumbraw mill-fond ossia hanut li jinsab f'Constitution Street, Mosta u maghruf bl-isem ta' Fone Zone.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------